


[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetarji](#) > [Insolvenza/falliment](#) > Hungary

# Insolvenza/falliment

 Ungerija

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

## 1 Kontra min jistgħu jinfetħu proċedimenti ta' insolvenza?

Il-proċedimenti ta' falliment għall-persuni ġuridiċi huma rregolati bl-Att XLIX tal-1991 dwar proċedimenti ta' falliment u likwidazzjoni (Att dwar il-Fallimenti).

L-Att dwar il-Fallimenti jirregola żewġ tipi ta' proċedimenti ta' insolvenza: proċedimenti ta' falliment u ta' likwidazzjoni.

Il-proċedimenti ta' falliment huma proċedimenti ta' riorganizzazzjoni li l-għan tagħhom huwa li jagħtu lid-debitur, li jkun qed iħabbat wiċċu ma' insolvenza, sospensjoni tal-ħlas bil-ħsieb li jiftiehem dwar arranġament volontarju u biex jipprova jidħol f'tali arranġament sabiex tiġi stabbilita s-solvenza mill-ġdid.

Il-proċedimenti ta' likwidazzjoni huma proċedimenti li l-għan tagħhom huwa li l-kredituri jiġu ssodisfati skont regoli speċifiċi meta debitor fallut jiġi xolt mingħajr suċċessur legali – matul proċediment immirat lejn it-tqassim tal-assi totali tal-patrimonju insolventi tad-debitur bejn il-kredituri. Madankollu, il-proċediment ta' likwidazzjoni irid jintemm jekk id-debitur ikun ħallas b'mod sħiħ id-dejn tiegħu kif ukoll l-ispejjeż tal-proċediment jew jekk ikun sar ftehim volontarju dwar il-kundizzjonijiet għas-saldu tad-dejn mal-kredituri tiegħu u l-arranġament ikun ġie approvat mill-qorti.

Il-liġijiet li jirregolaw il-fergħat Ungeriżi ta' impriżi b'uffiċċji rreġistrati barranin, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u impriżi tas-settur finanzjarju (istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi finanzjarji, impriżi tal-assigurazzjoni, ditti tal-investment, imħażen pubbliċi), pereżempju, jinkludu regoli speċjali u derogatorji.

Il-proċedimenti ta' falliment ma jeżistux għall-impriżi tas-settur finanzjarju, madankollu l-korpi superviżorji għandhom il-possibbiltà li jintervjenu sa mill-istadji bikrija ta' kwalunkwe deterjorament fil-pożizzjoni finanzjarja tagħhom sabiex tiġi evitata insolvenza u jridu jinħolqu fondi (Fond għar-Riżoluzzjoni ta' Ħsarat, Fond għall-Protezzjoni tal-Investitur, Fond għall-Assigurazzjoni tad-Depożitu) biex jiproteġu lill-klijenti u biex jikkumpensawhom.

Fil-każ ta' impriżi tas-settur finanzjarju, il-likwidazzjoni tista' titressaq quddiem qorti mill-Bank Nazzjonali Ungeriż li jaġixxi taħt is-setgħat tiegħu ta' awtorità superviżorja finanzjarja wara li jkun irrevoka l-liċenzja tagħhom talli jkunu wettqu dawn l-attivitàjiet.

L-Att dwar l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jinkludi xi regoli ta' deroga dwar il-proċedimenti ta' falliment u ta' likwidazzjoni ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (assoċjazzjonijiet, fondazzjonijiet), inkella japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Fallimenti.

Proċedimenti tas-saldu tad-dejn ta' persuni fiżiċi (falliment personali)

L-Att CV tal-2015 dwar is-saldu tad-dejn ta' persuni fiżiċi daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2015. L-Att għandu l-għan li jistabbilixxi qafas legali għas-saldu tad-dejn minbarra li jipprovdri protezzjoni tal-falliment permezz ta' kooperazzjoni bejn debitor u l-kredituri tiegħu. L-Att primarjament jiproteġi lid-debituri tal-ipoteki, b'mod

partikolari dawk li jkunu ilhom bl-arretrati fuq terminu twil, ikollhom id-dejn ma' diversi kredituri u li l-proprjeta residenzjali tagħhom tkun mhedda minn bejgħ sfurzat.

Il-proċedimenti jibdeu barra mill-qorti, ikkoordinati mill-ewwel sellief tal-ipoteki. Il-proċedimenti ta' falliment tal-qorti jinfetħu jekk ma jkunx hemm saldu barra mill-qorti. Għall-ewwel, il-proċedimenti tal-qorti għandhom l-għan ukoll li jintlaħaq ftehim, iżda jekk ma jkunx hemm vot favur ftehim bħal dan, il-qorti tiddetermina l-kundizzjonijiet għas-saldu tad-dejn.

Il-Gvern stabbilixxa s-Servizz tal-Insolvenza tal-Familja tal-Istat. Din l-organizzazzjoni għandha rwol importanti fil-proċedimenti tas-saldu tad-dejn. Is-Servizz tal-Insolvenza tal-Familja jivverifika jekk id-debitur jissodisfax rekwiżiti statutorji, iżomm ir-rekords tal-Istat tad-dejta tal-proċedimenti u jimpjega amministraturi tal-familja. L-amministraturi tal-familja jwettqu xogħlijiet preparatorji u kollaborattivi għall-qorti fil-kors tas-saldu tad-dejn quddiem il-qorti, jinfurzar id-deċiżjonijiet tal-qorti, jappoġġjaw id-debitur, jissorveljaw il-ġestjoni tal-unità domestika tad-debitur, ibigħu l-assi ta' valur kummerċjali tad-debitur u jħallsu lill-kredituri.

Ir-riżultat ta' saldu tad-dejn ta' suċċess huwa li d-dejn rilaxxat matul il-proċedimenti ma jkunx jista' jintalab aktar tard mid-debitur u l-kredituri jirċievu proporzjon speċifiku tat-talba tagħhom f'perjodu ta' żmien prevedibbli.

Il-proċedimenti tas-saldu tad-dejn ta' persuni fiżiċi għadhom mhumiex notifikati taħt ir-Regolament (UE) Nru 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Skont l-Att dwar il-Fallimenti, jistgħu jinbdeu proċedimenti ta' falliment mill-organizzazzjoni tad-debitur bl-approvazzjoni tal-korp deċiżjonali prinċipali tagħha, bl-użu ta' formola - ir-rappreżentazzjoni legali hija obbligatorja matul il-proċedimenti. Id-debitur ma jistax jissottometti applikazzjoni bħal din jekk ikun is-suġġett ta' proċediment ta' falliment pendent jew jekk tkun ittiegħet deċiżjoni tal-ewwel istanza li tordna lid-debitur li jkun likwidat. Il-kundizzjonijiet u limitazzjonijiet tal-ħin għall-ammissibilità ta' applikazzjoni mġedda għat-tnejja ta' proċedimenti ta' falliment huma li jiġu ssodisfati l-pretensjonijiet tal-kreditur li kienu jeżistu jew inħolqu matul il-proċediment ta' falliment preċedenti, l-iskadenza ta' sentejn mill-konklużjoni finali tal-proċediment ta' falliment preċedenti jew fil-każ li l-applikazzjoni preċedenti tkun ġiet miċħuda *ex officio*, l-iskadenza ta' sena minn meta tkun ġiet imħabbra l-ordni finali dwar dik il-kwistjoni.

Bħala regola ġenerali, jekk id-debitur ikun insolventi jistgħu jitrejssqu proċedimenti ta' likwidazzjoni fuq talba tad-debitur jew tal-kredituri tiegħu jew *ex officio* mill-qorti f'ċerti każijiet speċifikati taħt l-Att dwar il-Fallimenti. L-Att dwar il-Fallimenti jiddikjara espliċitament min jista' jibda proċedimenti ta' likwidazzjoni u jirregola r-regoli għall-proċediment fuq talba jew *ex officio*.

Iż-żewġ tipi ta' proċeduri huma proċedimenti tas-saldu tad-dejn kollettiv, il-kredituri tad-debitur għandhom jipparteċipaw fil-proċedimenti u ma jistgħux ifittxu l-infurzar tal-pretensjonijiet tagħhom b'mod ieħor jew fi proċedimenti oħra kontra d-debitur matul dawn il-proċedimenti.

## 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza?

Proċedimenti ta' falliment:

Il-proċedimenti ta' falliment jistgħu jiġu petizzjonati mid-direttur tad-debitur, filwaqt li r-rappreżentazzjoni minn avukat jew konsulent legali hija obbligatorja.

Fi kwalunkwe ħin proċediment ta' falliment wiegħed biss jista' jinbda kontra d-debitur u l-ebda proċediment ta' likwidazzjoni kontrih ma jista' jkun pendent lanqas. Il-proċeduri ta' falliment imġedda jistgħu jibdeu biss jekk id-debitur ikun issodisfa d-djun tiegħu ddikjarati fil-proċediment preċedenti u jkunu għadhom ma skadewx sentejn. U jekk il-qorti tkun ċaħdet il-proċediment ta' falliment preċedenti *ex officio* għal difetti formali, sa sena ma jista' jinbda l-ebda proċediment ta' falliment mġedded.

Proċedimenti ta' likwidazzjoni

Il-proċedimenti ta' likwidazzjoni jistgħu jitrejssqu mid-debitur, kreditur, l-amministratur li pparteċipa fil-proċediment ta' stralċ volontarju preċedenti jew qorti jew awtorità amministrattiva f'każijiet speċifikati mil-liġi. Pereżempju, proċediment ta' likwidazzjoni jitrejsaq mill-qorti jekk ma jkun sar l-ebda arranġament volontarju matul il-proċediment ta' falliment jew jekk ix-xoljiment ta' ditta li tikser serjament il-liġi jiġi ordnat taħt is-setgħat

ta' supervizzjoni legali tagħha bħall-qorti kummerċjali.

### 3 Liema huma l-assi li jiffurmaw parti mill-patrimonju tal-insolvenza? Kif jiġu ttrattati l-assi li huma miksuba minn, jew li jiddevolvu lid-debitur wara l-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza?

L-assi tad-debitur tal-patrimonju insolventi huma s-somma tal-assi fissi kollha u tal-assi kurrenti skont it-tifsira tal-leġiżlazzjoni tal-kontabbiltà.

Kwalunkwe żieda fl-assi miksuba matul il-proċedimenti ta' falliment ukoll jiffurmaw parti mill-assi tal-patrimonju insolventi.

Id-debitur iżomm drittijiet relatati mal-ġestjoni tal-assi tal-patrimonju insolventi, iżda taħt sorveljanza mill-amministratur. Fi proċedimenti ta' likwidazzjoni d-debitur ma jżommx id-drittijiet relatati mal-ġestjoni tal-assi tal-patrimonju insolventi: dawn id-drittijiet jiġu ttrasferiti lil-likwidatur. Il-likwidatur huwa r-rappreżentant legali tal-organizzazzjoni tad-debitur u jwettaq ir-reġistrazzjoni u l-valutazzjoni tal-pretensjonijiet tal-kredituri, il-likwidazzjoni tal-assi u d-distribuzzjoni tar-rikavat fost kredituri taħt sorveljanza ġudizzjarja.

### 4 X'setgħat għandhom id-debitur u l-prattikant tal-insolvenza, rispettivament?

Fi proċedimenti ta' falliment u ta' likwidazzjoni debitur skont it-tifsira tal-Att dwar il-Fallimenti jista' jkun operatur ekonomiku elenkat fl-Att. Fil-proċedimenti ta' falliment il-proċediment jitressaq mid-debitur, li jista' jkompli l-attivitajiet ekonomiċi tiegħu matul il-proċediment. L-uffiċjali eżekuttivi u s-sidien tad-debitur mhumiex ristretti fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom, iżda jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom biss mingħajr ma jiksru d-drittijiet stipulati għall-amministratur mil-liġi. Id-debitur iwettaq l-reġistrazzjoni u l-prijorità tal-pretensjonijiet f'kollaborazzjoni mal-amministratur u bl-involviment tal-amministratur iħejji programm u proposta għal negozjati għal arranġament bil-għan li jinkiseb arranġament biex tiġi rrestawrata jew ippreservata s-solvenza. L-arranġament jkun fih il-ftehim bejn id-debitur u l-kredituri dwar il-kundizzjonijiet tas-saldu tad-dejn u kull ħaġa oħra li jqisu importanti għar-riorganizzazzjoni.

Sa qabel it-tnedija tagħhom, kreditur fi proċedimenti ta' falliment u likwidazzjoni tfisserpersuna li kellha pretensjonijiet ta' flus dovuti jew pretensjonijiet espressi f'termini monetarji abbażi ta' deċiżjoni finali u infurzabbli ta' qorti jew awtorità pubblika jew li huma rikonoxxuti jew mhux ikkontestati mid-debitur. Fi proċedimenti ta' falliment kreditur tfisser ukoll kull persuna li l-pretensjonijiet tagħha li jkunu dovuti matul il-proċediment ta' falliment jew wara jkunu ġew irreġistrati mill-amministratur jew minn kwalunkwe persuna li l-pretensjonijiet tagħha jkunu ġew irreġistrati mil-likwidatur fi proċediment ta' likwidazzjoni.

Amministratur fi proċedimenti ta' falliment hija persuna ġuridika maħtura minn qorti, awtorizzata biex twettaq il-kompiti ta' Prattikant tal-insolvenza. L-amministratur irid jaħtar persuna impjegata minnu bil-kwalifiki xierqa biex twettaq l-attivitajiet ta' amministratur. Id-dmir ta' din il-persuna huwa li timmonitorja l-attivitajiet ekonomiċi tad-debitur sabiex ikun hemm qbil dwar arranġament filwaqt li żżomm f'moħħha l-interessi tal-kredituri, biex tirreġistra l-pretensjonijiet tal-kredituri, biex tikkollabora fit-tfassil ta' proposta għal arranġament u tikkonferma l-minuti ta' riżoluzzjonijiet adottati fin-negozjati ta' arranġament.

Likwidatur tfisser organizzazzjoni tal-likwidatur (persuna ġuridika awtorizzata biex twettaq il-kompiti ta' Prattikant tal-insolvenza) maħtura mill-qorti, li hija r-rappreżentant legali tal-organizzazzjoni taħt likwidazzjoni u li fl-istess ħin tiggarantixxi l-interessi tal-kredituri u twettaq il-kompiti preskritti bil-liġi. Il-leġiżlazzjoni tippreskrivi rekwiżiti personali u professjonali stretti għall-organizzazzjonijiet tal-likwidatur, inkluż taħriġ professjonali regolari.

L-organizzazzjoni tal-likwidatur taħtar amministratur tal-insolvenza biex imexxi l-attivitajiet ta' likwidatur.

L-isem tal-organizzazzjoni tal-likwidatur u l-amministratur tal-insolvenza wkoll jiddaħħlu fir-reġistru tal-qorti tal-persuni ġuridiċi.

Proċedimenti ta' falliment u ta' likwidazzjoni huma proċedimenti mhux kontenzjużi ċivili quddiem qorti. Fi

kwistjonijiet mhux regolati mill-Att dwar il-Fallimenti, japplikaw ir-regoli tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, ma' derogi li jorġu mill-ispeċifitàjiet ta' proċedimenti mhux kontenzjużi. Il-proċedimenti ta' falliment jiġu ordnati mill-qorti filwaqt li l-proċedimenti ta' likwidazzjoni jiġu ordnati mill-qorti bħala riżultat li d-debitur jiġi ddikjarat insolventi jew fil-każijiet l-oħra speċifikati bil-liġi jew fuq il-bażi ta' talba minn qorti oħra, awtorità pubblika jew l-amministratur. Fil-ftuħ tal-proċediment, il-qorti taħtar l-amministratur jew il-likwidatur mil-lista tal-likwidaturi. Meta jitressqu l-proċedimenti ta' likwidazzjoni, il-qorti taħtar – fuq it-talba tal-kredituri – likwidatur bil-kompetenza ta' amministratur temporanju biex jissorvelja l-attivitajiet tad-debitur sakemm tiġi ordnata l-likwidazzjoni.

L-oġġezzjonijiet imressqa kontra kwalunkwe miżura jew ommissjoni illegali mill-amministratur jew il-likwidatur jiġu aġġudikati mill-qorti u f'każ ta' miżura jew ommissjoni illegali l-qorti tirrekjedi li l-amministratur jew il-likwidatur imexxi l-attivitajiet tiegħu skont il-liġi u f'każ li din tinkiser, l-amministratur jew il-likwidatur jitneħħa mill-proċediment u jinħatar amministratur jew likwidatur ġdid.

Matul il-proċedimenti ta' falliment id-debitur huwa dovut protezzjoni tal-falliment, il-proċedimenti ta' infurzar jiġu sospiżi u d-debitur jingħata sospensjoni tal-ħlas jew moratorju fuq il-ħlas tad-djun imġarrba qabel.

Jekk il-maġġoranza preskritta mill-Att dwar il-Fallimenti taċċetta l-arranġament volontarju u l-arranġament ikun konformi mar-rekwiżiti statutorji, il-qorti tapprova l-arranġament u d-debitur ikun marbut bih.

Jekk ma jiġix miftiehem arranġament volontarju, il-qorti tordna li d-debitur jiġi stralċat *ex officio*.

Jista' jintlaħaq ukoll ftehim bejn id-debitur u l-kredituri fi proċedimenti ta' likwidazzjoni. Il-qorti tistabbilixxi d-data għan-negozjati dwar arranġament matul il-proċediment ta' likwidazzjoni u jekk il-vot fuq l-arranġament volontarju jkun favorevoli u l-arranġament ikun konformi mal-leġiżlazzjoni, il-qorti tapprovah. Fil-likwidazzjoni, il-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni ta' arranġament volontarju huma li permezz tal-arranġament id-debitur ma jibqax insolventi u l-pretensjonijiet ta' prijorità jiġu riżolti jew il-kopertura għal dawk il-pretensjonijiet tkun disponibbli.

Il-qorti tiddeċiedi li tirreġistra l-proċedimenti ta' falliment jew ta' likwidazzjoni bħala magħluqin jew mat-terminazzjoni tal-proċedimenti.

Jekk il-proċedimenti ta' likwidazzjoni jingħalqu mingħajr suċċessur legali għad-debitur, wara notifika mill-qorti, il-qorti kummerċjali taqta' lid-debitur xolt b'likwidazzjoni mir-reġistru kummerċjali, jew lill-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili mir-reġistru ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Fi proċedimenti ta' likwidazzjoni, il-ħlas tas-salarji tal-impjegati huwa garantit minn fondi mill-Fond għall-Garanzija tal-Pagi, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Att dwar il-Fond għall-Garanzija tal-Pagi.

Konsegwenzi legali tat-tressiq tal-proċedimenti:

Matul il-proċedimenti ta' falliment, il-qorti tieħu passi biex tippubblika sospensjoni temporanja tal-ħlas immedjata fil-Gazzetta tal-Kumpaniji fuq talba tad-debitur, skont l-Att dwar il-Fallimenti. Il-merti tat-talba jiġu sussegwentement eżaminati, meta l-qorti tieħu d-deċiżjoni tagħha li tiċħad it-talba *ex officio* fil-każijiet stabbiliti bil-liġi, jew jekk dan ma jkunx il-każ, tieħu deċiżjoni biex tordna proċedimenti ta' falliment. Il-proċedimenti ta' falliment jibdew bil-pubblikazzjoni tal-ordni għal dan l-għan fil-Gazzetta tal-Kumpaniji. Bħala konsegwenza tal-ftuħ tal-proċedimenti ta' falliment id-debitur huwa dovut sospensjoni tal-ħlas għall-prestazzjoni ta' pretensjonijiet monetarji sa 0 siegħat fit-tieni jum tax-xogħol wara l-120 jum (bi ftit eċċezzjonijiet) u l-moratorju jista' jiġi estiż għal 365 jum. Matul il-perjodu tas-sospensjoni tal-ħlas, il-ħlas tal-pretensjonijiet indikati fl-att legali biss jistgħu jiġu effettwati, konsegwenzi legali relatati man-nuqqas ta' prestazzjoni jew prestazzjoni tard tal-obbligi ta' ħlas ma jseħħux, l-infurzar tal-pretensjonijiet monetarji kontra d-debitur jiġu sospiżi, b'hekk d-debitur jikseb opportunità realistika biex iħejji programm immirat lejn l-irkupru tas-solvenza u l-ħlas tad-djun tiegħu.

Jekk il-qorti tiddikjara lid-debitur insolventi minħabba li tkun teżisti xi raġuni għall-insolvenza definita taħt l-att legali, tiġi ordnata l-likwidazzjoni tad-debitur f'ordni u wara d-dħul fis-seħħ tagħha, jinħatar likwidatur permezz ta' ordni ppubblikata fil-Gazzetta tal-Kumpaniji li jkun fiha wkoll sejħa għall-kredituri biex jinnotifikaw il-pretensjonijiet tagħhom. Id-drittijiet tas-sjeda jieqfu meta jiġi ordnat il-proċediment ta' likwidazzjoni, li jservi biex jipproteġi l-assi tal-patrimonju insolventi, u mid-data tal-bidu tal-likwidazzjoni, il-likwidatur li jaġixxi bħala r-rappreżentant tad-debitur biss jista' jaġmel dikjarazzjonijiet legali dwar l-assi tad-debitur. Fid-data tal-bidu tal-

likwidazzjoni, kull dejn tal-operatur ekonomiku jiskadi (jintemm).

Il-likwidazzjoni għandha l-għan li tidistribwixxi l-assi kollha tad-debitur fost il-kredituri tiegħu u anke l-proċedimenti ta' infurzar kontra l-assi soġġetti għall-proċedimenti ta' likwidazzjoni iridu jintemmu. Il-proċedimenti kontenzjużi u mhux kontenzjużi mibdija qabel id-data tal-bidu tal-likwidazzjoni jkomplu quddiem il-qorti invokata. Wara d-data tal-bidu tal-likwidazzjoni kwalunkwe pretensjoni monetarja relatata mal-assi tal-patrimonju insolventi tista' tiġi affermata biss taħt il-proċediment ta' likwidazzjoni. Kwalunkwe trażżin fuq aljenazzjoni u assenjazzjoni stabbilit fuq il-proprietà immobbli tad-debitur jew assi oħra jieqaf fid-data tal-bidu tal-likwidazzjoni, filwaqt li drittijiet ta' xiri mill-ġdid u ta' għażliet tax-xiri, kif ukoll rahan jieqfu meta jinbiegħ l-assi. Persuna intitolata tista' tissodisfa l-pretensjoni tagħha minn depożitu ta' sigurtà pprovdut mid-debitur sad-data tal-bidu tal-likwidazzjoni, wara, dik il-persuna intitolata għandha tagħti l-ammont li jifdal lil-likwidatur.

## 5 Taħt liema kundizzjonijiet tiġi invokata t-tpaċija ?

Matul proċediment ta' likwidazzjoni kull kreditur jista' jsostni pretensjoni kontra d-debitur biss billi jirreġistra għall-proċediment, l-ebda tpaċija ma tista' tiġi invokata barra mill-qorti, flief għall-għeluq ta' netting applikat fuq il-bażi ta' konvenzjonijiet internazzjonali tal-kummerċ. Jekk madankollu, ikun hemm kawża pendenti preċedenti bejn il-kreditur u d-debitur, il-kreditur jista' jpaċi kwalunkwe pretensjoni affermata fil-kawża kontra d-dejn tiegħu lejn id-debitur.

## 6 X'effett għandhom il-proċedimenti ta' falliment fuq kuntratti kurrenti li d-debitur huwa parti tagħhom?

Il-ftuħ tal-proċedimenti ta' likwidazzjoni fihom infushom m'għandhomx l-effett legali li jtemmu kuntratti li d-debitur ikun diġà daħal fihom. Il-kuntratti jistgħu jiġu tterminati bħala parti mill-proċediment, fil-każ ta' proċedimenti ta' falliment taħt is-superviżjoni tal-amministratur u fil-każ ta' proċedimenti ta' likwidazzjoni, il-likwidatur itemm il-kuntratti bħala r-rappreżentant legali tad-debitur. Il-likwidatur għandu d-dritt li jtemm il-kuntratti b'effett immedjat jew li jikkancela l-kuntratti.

## 7 X'effetti għandhom il-proċedimenti ta' insolvenza fuq il-proċedimenti miġjuba minn kredituri individwali (bl-eċċezzjoni ta' kawżi pendenti)?

L-assi tad-debitur ma jistgħux jiġu soġġetti għal infurzar, kreditur li jirċievi r-għan ma jistax ibiġh ir-għan, filwaqt li d-djun jitħallsu matul il-proċedimenti ta' likwidazzjoni.

## 8 X'inhu l-effett ta' proċediment ta' insolvenza fuq il-kontinwazzjoni ta' kawżi pendenti fil-mument tal-ftuħ ta' proċediment ta' insolvenza?

Il-kawżi miftuħa qabel jiġu konklużi mill-qorti invokata qabel. Jekk id-debitur ma jkunx rebaħ il-kawża, il-parti li tkun rebħet tiegħu sehem bħala kreditur fil-proċediment ta' likwidazzjoni. Jekk id-debitur ikun rebaħ il-kawża, kwalunkwe assi jew fondi dovuti lilu jiġu inklużi fl-assi tal-patrimonju insolventi. L-Att dwar il-Fallimenti jippreskrivi f'diversi postijiet li l-għoti ta' informazzjoni lill-kredituri huwa l-kompitu tal-amministratur jew tal-likwidatur.

## 9 Liema huma l-karatteristiċi ewlenin tal-parteċipazzjoni tal-kredituri fil-proċedimenti ta' insolvenza?

Il-kredituri jistgħu jiffurmaw kumitati tal-kredituri jew jeleġġu rappreżentant tal-kredituri li l-likwidatur irid jikkonsulta miegħu u li lilu l-likwidatur huwa obligat li jinforma u li għal ċerti miżuri għandu jinkiseb l-kunsens impliċitu jew espliciċitu tiegħu.

## 10 B'liema mod jista' l-prattikant tal-insolvenza juża jew jiddisponi minn

## assi tal-patrimonju?

Il-likwidatur jista' jbigħ l-assi tad-debitur lix-xerrej li jagħmel l-aħjar offerta fi proċedura ta' bejgħ pubbliku fuq portal tal-bejgħ ivverifikat ibbażat fuq il-web.

## 11 Liema talbiet għandhom jiġu ppreżentati kontra l-patrimonju tal-insolvenza tad-debitur u kif għandhom jiġu ttrattati t-talbiet li jsiru wara l-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza?

Kemm id-djun imġarrba qabel kif ukoll dawk li jinqalgħu wara l-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza jistgħu jiġu affermati mill-kreditur billi jinnotifika l-pretensjoni tiegħu fil-proċediment ta' falliment jew il-proċediment ta' likwidazzjoni bħala kreditur.

## 12 Liema huma r-regoli li jirregolaw il-preżentata, il-verifika u l-ammissjoni tat-talbiet?

Il-prattikant tal-insolvenza (l-amministratur fi proċedimenti ta' falliment jew il-likwidatur fi proċedimenti ta' likwidazzjoni) jirreġistra l-pretensjonijiet tal-kredituri u jissottometti pretensjonijiet kkontestati quddiem il-qorti li tkun qed tmexxi l-proċediment ta' falliment jew il-proċediment ta' likwidazzjoni għal sentenza.

## 13 Liema huma r-regoli li jirregolaw it-tqassim tal-assi wara tmim il-proċedimenti? Kif jiġu kklassifikati t-talbiet u d-drittijiet tal-kredituri?

Il-likwidatur juża r-rikavat mill-bejgħ ta' rahan - wara li ċerti spejjeż ikunu ġew imnaqqa - biex iħallas liċ-ċessjonarju. L-ammont li jifdal jiġi distribwit fost il-kredituri skont id-distribuzzjoni tal-assi, b'kont meħud tal-klassifikazzjoni għas-sodisfazzjon tal-kredituri stabbilita fl-Att dwar il-Fallimenti, u abbażi tal-karta tal-bilanċ tal-likwidazzjoni interim jew il-karta tal-bilanċ tal-likwidazzjoni tal-għeluq.

Wara l-bejgħ ta' assi oħra, ir-rikavat jista' jiġi distribwit wara li tkun ġiet aċċettata l-karta tal-bilanċ tal-likwidazzjoni interim jew il-karta tal-bilanċ tal-likwidazzjoni tal-għeluq, filwaqt li titqies id-distribuzzjoni tal-assi approvati mill-qorti u l-klassifikazzjoni għas-sodisfazzjon tal-kredituri stabbilita fl-Att dwar il-Fallimenti.

## 14 Liema huma l-kundizzjonijiet għal, u l-effetti tal-għeluq ta' proċedimenti ta' insolvenza (b'mod partikolari b'miżura komposta)?

Id-debitur jista' jiftiehem dwar arranġament volontarju mal-kredituri jew fi proċediment ta' falliment jew proċediment ta' likwidazzjoni. Jekk l-arranġament ikun konformi mal-leġiżlazzjoni, il-qorti tapprovah u tiddikjara li l-proċediment ikun ingħalaq. F'każijiet bħal dawn id-debitur ikompli l-operazzjonijiet tiegħu. Il-pretensjonijiet tal-kredituri jiġu ssodisfati bil-mod u sal-punt determinat fl-arranġament, id-debitur huwa eżentat milli jħallas kwalunkwe ammont lil hinn minn dan.

## 15 X'inhuma d-drittijiet tal-kredituri wara l-għeluq ta' proċedimenti ta' insolvenza?

Fi proċediment ta' falliment magħluq b'arranġament volontarju approvat mill-qorti, il-pretensjonijiet tal-kredituri jiġu ssodisfati bil-mod u skont l-iskeda stabbilita fl-arranġament. Jekk id-debitur ma jirrispettax l-arranġament, il-kredituri jistgħu jippreżentaw proċediment ta' infurzar jew jistgħu jibdedw il-likwidazzjoni tad-debitur.

## 16 Min għandu jagħmel tajjeb għall-kostijiet u l-ispejjeż involuti fil-proċedimenti ta' insolvenza?

Il-kredituri jħallsu l-ħlas għar-reġistrazzjoni. Il-preżentazzjoni ta' proċediment ta' insolvenza (proċediment ta' falliment, proċediment ta' likwidazzjoni) hija soġġetta għal tariffa. Xort'oħra kwalunkwe spejjeż imġarrba jitħallsu

mid-debitur.

## 17 X'inhuma r-regoli li għandhom x'jaqsmu man-nullità, l-annullabbiltà u n-nuqqas ta' eżekutorjetà ta' atti ġuridiċi detrimental għall-korp ġenerali ta' kredituri?

Il-likwidatur jew il-kredituri jistgħu jikkontestaw tali tranżazzjonijiet billi jippreżentaw petizzjoni u jistgħu jitolbu li t-tranżazzjoni tiġi ddikjarata invalida. Kwalunkwe assi hekk irritornati lid-debitur iżidu l-assi tal-patrimonju insolventi.

Il-likwidatur jew il-kredituri jistgħu jiftħu kawżi kontra d-diretturi preċedenti tad-debitur għall-attivitajiet tagħhom li kienu ta' detriment għall-interessi tal-kredituri fuq il-bażi li d-diretturi preċedenti ma jkunux wettqu l-funzjonijiet maniġerjali tagħhom filwaqt li jqisu l-interessi tal-kredituri meta tkun inqalgħet sitwazzjoni b'theddida ta' insolvenza, li tkun wasslet għal tnaqqis fl-assi tal-operatur ekonomiku, jew għal tfixkil fl-issodisfar sħiħ tal-pretensjonijiet tal-kredituri jew li fiha ma ġewx imħallsa imposti ambjentali. Jekk dan jiġi ppruvat, id-direttur preċedenti tad-debitur irid jikkumpensa lill-kredituri għad-dannu kkawżat.

---

■ L-aħħar aġġornament: 15/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.